# IL-MUŻIKA SAGRA F'MALTA FIS-SEKLU DSATAX U L-KOMPOŻITURI TAGĦHA



**Kitba ta' Alfred Camilleri**

Tul is-seklu dsatax, il-mużika f'Malta kienet tfisser l-opra u għaldaqstant, l-element operistiku beda jinfiltra ruħu anke fil-mużika sagra li bdiet tinkiteb, xi ħaġa li kellha ssib oppożizzjoni qawwija aktar tard. Nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru 1866, it-Teatru Rjal, iddisinjat minn Edward Middleton Barry, fetaħ il-bibien tiegħu u l-ewwel opra li ttellgħet kienet l-*I PURITANI* ta' Vincenzo Bellini. Tajjeb ngħidu li hawn Malta, f'dan iż-żmien, donnu kien hawn ġuħ kbir għall-opra Taljana ta' Verdi, Rossini, Donizetti u l-bqija, tant li l-opra Franċiża ngħatat il-ġenb. Wisq aktar l-opra Maltija! Fit-Teatru Rjal kienu ftit ħafna r-rappreżentazzjonijiet ta' opri Maltin. L-uniċi opri mtellgħa kienu:

| | | |
|---|---|---|
| LODOISKA | Vincenzo Bugeja | 1832 |
| ROB ROY | Alessandro Curmi | 1832 |
| IL PROSCRITTO DI MESSINA | Alessandro Curmi | 1843 |
| LA MEZZA NOTTE | Dr. Paolo Nani | 1844 |
| I DUE DOTTORI | Giuseppe Malfiggiani | 1848 |
| ZORILLA | Anton Nani | 1874 |
| I CAVALIERI DI MALTA | Anton Nani | 1880 |
| AGNESE VISCONTI | Anton Nani | 1889 |
| GINEVRA DI MONREALE | G. Emmanuele Bonavia | 1890 |
| AMOR FATAL | Paolino Vassallo | 1898 |

Dan in-nuqqas tal-opra Maltija fit-Teatru Rjal u fit-Teatru Manoel, ġiegħel lill-kompożitur Malti jħossu tradut f'artu stess. Għalhekk, sitwazzjoni bħal din wasslet biex il-kompożitur Malti jsib refuġju fil-knejjes billi jingaġġa ruħu bħala Mro. *Di Cappella*. L-aktar surmastrijiet li ddominaw f'din ix-xena kienu bla dubju l-membri tal-familji Bugeja u Nani.

Fis-seklu 19, kienet drawwa li fil-knejjes tagħna, qabel xi ċelebrazzjoni sollenni, il-Mro. *Di Cappella* kien jesegwixxi xi sinfonija. Kienu żminijiet oħra, differenti minn tal-lum. Il-knejjes imballati sa ruħ ommhom bin-nies li ħafna minnhom kienu jmorru propju għall-mużika. Il-knisja saret it-teatru tal-fqir, ta' min ma setax iħallas biex imur jisma' l-mużika fit-Teatru Rjal jew fit-Teatru Manoel.

Wieħed mill-kompożituri Maltin li għamlu isem fil-qasam tal-mużika sagra fis-seklu dsatax kien is-Surmast Pietro Paolo Bugeja. Beda jistudja ma' Francesco Azzopardi u aktar tard insibuh ikompli l-istudji tiegħu f'konservatoru ġo Napli. Kienet karatteristika komuni tal-kompożituri Maltin tas-seklu 19 li lkoll kemm huma jkomplu l-istudji tagħhom 'il barra minn xtutna, l-aktar fl-Italja, f'xi konservatorju Naplitan u ma' kompożituri

kbar tal-opra lirika Taljana. Fl-1809 Pietro Paolo Bugeja nħatar Mro. *Di Cappella* tal-Kattidrali ta' l-Imdina u ta' San Ġwann.

Ma nistgħux ninsew lil Francesco Decesare li twieled f'Bormla fis-6 ta' Diċembru 1837 u studja l-mużika ma' Francesco Mallia Cassar u Giuseppe Spiteri Fremond. Kien kompożitur, kantant u Mro. *Di Cappella*. Ħadem ħafna f'Għawdex, speċjalment fin-Nadur, fejn fl-1893 insibuh direttur ta' l-*ISTITUTO MUSICALE CALYPSO*. Fil-mużew tal-kattidral Għawdxi, wieħed għandu jsib ħafna kompożizzjonijiet ta' Decesare.


*Kompożitur Vincenzo Bugeja*

Kompożitur ieħor ta' fama fis-seklu 19 huwa Vincenzo Bugeja. Vincenzo beda l-istudji tiegħu ma' missieru Pietro Paolo. Imbagħad bejn Frar ta' l-1829 u Marzu ta' l-1831 insibuh fil-konservatorju *San Pietro a Majella* ġo Napli jitħarreġ ma' Giovanni Furno, Francesco Ruggi u Niccolo' Antonio Zingarelli. Qabel ma telaq minn Malta biex ikompli t-taħriġ mużikali, propju nhar il-15 ta' Ġunju 1828, Vincenzo Bugeja ġie maħtur Mro. *Di Cappella* taż-żewġ kattidrali. Huwa jibqa' jissemma għall-opra LODOISKA li hu tella' fit-Teatru Manoel fl-1832. Kiteb ukoll sitt sinfoniji profani qosra iżda mill-bqija, il-mużika li ħarġet mill-pinna tiegħu kienet sagra.

Żewġ figuri predominanti fis-seklu 19 huma Dr. Paolo Nani u ibnu Anton. Paolo Nani, imwieled fl-1814, iggradwa bħala avukat mill-Università ta' Malta f'Diċembru 1832. L-inklinazzjoni għall-mużika kienet aktar qawwija fih tant li telaq għal kollox il-professjoni ta' avukat u ntefa' b'ruħu u ġismu fuq il-mużika. F'Lulju 1833 erħielha lejn Napli, fejn fil-Konservatorju *San Pietro a Majella*, kompla l-istudji tiegħu ma' Gaetano Donizetti, Giovanni Furno u Francesco Ruggi. Fl-1839 huwa nħatar Mro. *Di Cappella* fil-Knisja tal-Karmnu l-Belt Valletta u immedjatament ħa l-istess inkarigu fil-knisja ta' San Pawl. Bejn l-1841 u l-1887 huwa kien is-surmast kunċertatur fit-Teatru Manoel u fit-Teatru Rjal. Minn din l-esperjenza, Paolo tgħallem ħafna u kien propju minn hawn li ħa dak l-element operistiku li nsibu fil-mużika tiegħu. Bla dubju ta' xejn, iben Dr. Paolo Nani.

Antonio, huwa l-kompożitur Malti li għamel isem fit-tieni nofs tas-seklu 19. Ix-xogħlijiet tiegħu m'humiex ħafna iżda anke jekk ftit, kollha jistgħu jitqiesu bħala teżori fl-istorja tal-mużika sagra Maltija. Bejn l-1867 u l-1879, lil Anton insibuh f'Napli jipperfezzjona l-istudji mużikali tiegħu ma' Aniello Barbati u Nicola De Giosa. Kien propju hawnhekk li Anton kiteb il-maġġoranza tax-xogħlijiet tiegħu fosthom l-opra ZORILLA fl-1870. Infatti din l-opra kienet ġiet imtellgħa għall-ewwel darba f'Napli. Anton beda jieħu f'idejh bil-mod il-mod is-servizzi fil-knejjes li kellu missieru Dr. Paolo.

L-aħħar kompożitur li se nitkellem dwaru f'din l-ewwel parti huwa Patri Giuseppe Spiteri Fremond, Agostinjan, li ma jagħmilx





*Il-konservatorju San Pietro a Majella ġo Napli fejn studja l-mużika Vincenzo Bugeja*

għajb lill-kompożituri l-oħra. Patri Fremond kien Mro. *Di Cappella* fil-knejjes Agostinjani waqt li bejn l-1837 u l-1892 kien jidderieġi l-mużika ġewwa l-parroċċa ta' Ħal Qormi, raħal twelidu. Sfortunatament ma tantx għadna nisimgħu xogħlijiet ta' Fremond iżda m'għandix dubju li kien kompożitur ta' kalibru, sinjur fl-immaġinazzjoni u mżejjen b'kompetenza teknika. Fremond ħarreġ lil ħafna kompożituri Maltin li ħallew isem, fosthom Ferdinando Camilleri, Francesco Mallia Cassar, Anton Nani, Emmanuele Bartoli u Paolino Vassallo. Jibqa' jissemma għax kien propju hu li fil-mużika sagra Maltija introduċa l-vuċijiet tat-tfal. Fl-1873 ġie maħtur membru ta' l-*ACCADEMIA FILARMONICA DI BOLOGNIA* għall-ħiliet kbar tiegħu fil-qasam tal-kompożizzjoni.



*Dr. Paolo Nani*



*Antonio Nani*

Kompożitur ieħor Malti tas-seklu 19 u li forsi mhux daqshekk magħruf huwa GIUSEPPE VELLA. Bħal Paolo Nani, dan kien avukat li mbagħad telaq il-professjoni fil-liġi biex jiddedika ħajtu għall-mużika. Ġewwa Malta nsibuh jistudja ma' Giuseppe Scicluna u mbagħad kompla jitħarreġ f'Genoa. Fl-1860 ħa f'idejh l-inkarigu prestiġġjuż ta' Mro. *Di Cappella* fiż-żewġ kattidrali ta' Malta. Dan seta' jkun possibbli bil-mewt bikrija ta' Vincenzo Bugeja u r-rifjut ta' dan l-inkarigu min-naħa ta' iben Vincenzo, Riccardo u Giuseppe Spiteri Fremond. Il-kompożizzjonijiet kollha ta' Giuseppe Vella huma arkivjati fil-mużew tal-kattidral fl-Imdina u jikkonsistu f'35 biċċa ta' mużika strumentali u 250 biċċa ta' mużika sagra.

Ngħaddu issa għal kompożitur ieħor Malti li ħalla isem u li kien jgħix fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax. Ismu norbtuh mal-festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena propju għaliex jibqa' popolari mmens għas-*Sinfonia Pastorale* li min jaf kemm-il darba smajniha tindaqq fil-knejjes tagħna f'dawn il-jiem sbieħ. Qed nirreferi għas-Surmast Emmanuele Galea. Ġewwa Malta, Galea studja ma' Pietro Paolo Bugeja fil-waqt li fil-Konservatorju *San Pietro A Majella* ġewwa Napli studja ma' Zingarelli, Tritto u Furno. Fl-1825 huwa kien ingħata l-inkarigu ta' Mro. *Di Cappella* fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu fil-belt Valletta. Fl-1838 telaq minn Malta minħabba li kien ġie mlaħħaq Professur tal-kant u l-mużika fl-*Odessa Royal Institute for Noble Ladies.* Aktar tard ħadem f'Konstantinopli u f'St Petersburg fejn anke kien imfittex biex jagħti s-servizzi mużikali tiegħu lill-awtoritajiet imperjali. Kif diġà' għedt, Galea jibqa' msemmi għal din is-*Sinfonia Pastorale* li hu lesta għall-ħabta tas-sena 1825 u l-ħsieb warajha kien li tintroduċi l-Liturġija tal-lejl tal-Milied fil-Kolleġġjata ta' San Pawl il-Belt. Għandha struttura ta' *overture* Franċiża.



Fil-ħarġiet li jmiss se nkomplu nitkellmu dwar il-mużika sagra f'Malta imma sejrin niffukaw dwar is-seklu għoxrin.